

**Kumitat 2002, Għaqda Maltija tal-Folklor fit-30 ta' April, fis-sede tal-*British Legion (Malta) fil-Belt,* meta sar trattament lil Guido Lanfranco li nħatar president onorarju. Fir-ritratt jidhru, mix-xellug għal-lemin fuq quddiem:- Angelo Dougall, Alfred Fenech, Guido Lanfranco, Marija R. Pisani, Joseph F. Porsella-Flores; Fuq wara, George Cilia, Lina Zerafa, Ġużi Gatt, Joseph Fenech, Frans Farrugia.**

**Bidliet fil-Kumitat 2002** Is-Sur Guido Lanfranco li għal bosta snin kien president tal-Għaqda, minħabba raġunijiet personali ma aċċettax in-nomina li jibqa' għas-sena 2002. Għalhekk il-kumitat ħatar lil Ms. Maria R. Pisani bħala president. Is-Segretarju, is-Sur Alfred Fenech, minħabba raġunijiet ta' saħħa, kellu jħalli l-kariga tiegħu f'Lulju, u l-kumitat ħatar lis-Sur Ġużi Gatt li daħal minfloku. Nawguraw lis-Sur Fenech l-isbaħ xewqat u nirringrazzjawh għas-snin ta' xogħol lill-Għaqda.

**Ħamsa u għoxrin sena ta' L-Imnara** Din il-pubblikazzjoni ħarġet l-ewwel darba fl-1978, dejjem mill-editur preżenti. Bdiet b'mezzi foqra ta' produzzjoni ta' dak iż-żmien sakemm il-proċess ta' fotokopji u l-kompjuter bdew jiżviluppaw biex L-Imnara bdiet toħroġ kwalita aħjar u l-kitbiet li fiha qed ikunu ta' għajnuna għal bosta riċerkaturi fil-libreriji. Nawguraw li tkompli għal daqshekk snin oħra fil-futur.

**Żewġ attivitajiet.**

**Fil-5 ta' Marzu 2002** saret laqgħa ta' diskussjoni li fiha erba' membri ġabu oġġetti li saru spejegazzjonijiet u diskussjoni dwarhom kif ġej:

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Cilia: | musbieħ antik tal-metal. |
| Is-Sur Frans Farrugia: | gaġġa tradizzjonali tal-werżieq (jew grillu) li għamel hu stess; għodda biex tikkarga l-iskrateċ. |
| Is-Sur Arthur Grima: | ritratti ta' tifel liebes b'wegħda ta' San Franġisk. |
| Is-Sur Guido Lanfranco: | Miċċa taż-żingu li biha kienu jixgħelu t-tazzi tal-festi; fanal ta' l-aċitelena; pappagall (għodda) biex taqla' l-imsiemer kbar; santa li tpatti għall-malafama; diversi santi b'talb għal żmien l-ewwel u t-tieni gwerer dinjin. |

**Fit-3 ta' Lulju 2002** saret taħdita nteressanti minn Paul P. Borg "Snajja' u Xogħol il-Maltin" dwar ir-riċerka tiegħu għall-kotba li ppublika dan l-aħħar.